MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2015

Numru 1/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Matthew Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Matthew Calleja u detentur tal-karta tal-identita numru 570278M

Akkuzat talli talli nhar it-13 ta' Lulju 2015 ghal habta ta bejn is-saghtejn u kwart u t-tlieta nieqes kwart ta wara nofsinhar (1415 – 1445hrs), gewwa area hekk maghrufa bhalla Wied Ghammieq, Kalkara u f' dawn il-gzejjer b'vettura marka Renault Scenic bin-numru tar-registrazzjoni SZZ001, appartenenti lil Simon Azzopardi:

Minghajr licenzja tal-awtorita' kompetenti; wettaq attività li tmur kontra l-prinċipji tar-restawr ekoloġiku jew speċi u l-immaniġġar ta' area protetti kif jista' jiġi preskritt, inklużi attivitajiet li jkun mistennija li se jagħmlu tibdil permanenti għal area protetti u attivitajiet li jkunu se jkollhom effett fuq id-diversità bijoloġika u dan bi ksur tal-artikoli bi ksur tal-artikolu 66(a)(xii)(1)(5) tal-Kapitolu 504 tal-ligijiet ta' Malta.

Rema', tefa', halla, jew xort'ohra qattar jew iddepozita xi zibel f 'xi post pubbliku, triq, bahar, jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, meta dak id-depozitu u t-thollija ma kienux awtorizzati b'ligi u/jew rema jew nehha xi hwejjeg mormija, zibel, skart, swill jew kull oggett iehor ta' daqs jew kwantità jew kumulu, li meta tqiesu wahedhom jikkawzaw haga li ddejjaq, jew li jista' jwassal ghad-deterjorament jew thassir ta' post pubbliku, u dan bi ksur tal-artikoli bi ksur tal-artikolu 42(a)(c)(d) tal-Kapitolu 9 u regolamenti 4 u 10(3) tal-ligi sussidjarja 504.67 tal-ligijiet ta' Malta.

Xehet jew halla warajh xi flixkun, landa, kontenitur tal-ikel, karta tal-ippakkjar ta' l-ikel, hgieg, frak tal-ikel, jew kull artiklu jew haga ohra f'xi post pubbliku, triq, bahar, jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, u/jew dan

id-depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat b'ligi. Art.4(c) Ewwel Skeda A.L.344/05

Iddepozita, waqqa, qieghed jew xehet xi trab, hmieg, karti, rmied, cikka ta' sigarett, zibel, kaxxi, bittija, jew kull artiklu iehor jew haga ohra f'xi post pubbliku, triq, bahar, jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, u/jew dan id-depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat b'ligi. Art.4(a) Ewwel Skeda A.L.344/05

Rema', tefa, jew xort'ohra ddepozita f'post, jew gewwa post , jew minn xi post fil-berah, li l-pubbliku ghandu d-dritt jew jista jidhol fih minghajr hlas, u/jew halla xi haga tkun li tkun , f'cirkostanzi tali li kkaguna, ikkontribwixxa jew seta jwassal ghall-istkerrih ta' xi post fil-berah b'dan l-skart u zibel , jew ghamilt dan kollhu meta ma kontx awtorizzat bil-ligi. Art.3 Kap.206

Iddepozita radam f'sit li ma hux sit ghar-rimi u li ma hux kopert b'licenzja ghal dan il-ghan mahruga mid-direttur ghal-Harsien tal-Ambjent (A.L.128/1997 Art3,4)

Naqas li josserva xi dispozizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1997 dwar drittijiet u depozitu ghal kull skart u radam. (A.L. 128/1997 Art22)

Dahal ghal xi attivita fil-maniggjar tal-iskart minghajr permess mill-awtorita kompetenti u bi ksur ta' tharis tar-Regolamenti tat-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart (A.L. 337/2001 Art6)

Abbanduna, waqqa', tefa' jew xort'ohra immaniggja skart mhux skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tat-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart (A.L. 337/2001 Art 26(a))

Qieghed skart f'post fejn ma hux post li jigi mmaniggjat l-iskart u li ma hux post li awtorizzat li jircievi tali skart bis-sahha ta xi permess. (L.N. 337/2001 Art 7 (3))

Minghajr awtorizzazjoni b'ligi, rema', tefa' jew iddepozita xi zibel f'post pubbliku jew spazju fil-miftuh li l-pubbliku ghandu access ghalih. (A.L.344/2005 Art 4)

F' kaz ta' sejbien ta' htija il-Qorti giet mitluba li minbarra il-piena skont il-ligi tordna il-konfiska tal-corpus delicti tal-karozza Renault Scenic bin-numru tar-registrazzjoni SZZ001 appartenenti lil Simon Azzopardi li serviet jew li kien mahsub li sservi sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tar- regolament 10(4) tal-Ligi Sussidjarja 506.67.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba wkoll titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula bi ksur tal-Art 49, 50 u 289 ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 66(a)(xii)(1)(5) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 3 u 4 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1997, ir-Regolamenti 7 u 26(a) ta'l-Avviz Legali 337 tas-sena 2001 u r-Regolamenti 4 u 10(3) ta' l-Avviz Legali 344 tas-sena 2005.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semeght it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra qed tiehu in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali kwazi netta ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-istqarrija ta' Simon Azzopardi u d-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li huwa mhux qed jinsisti fuq l-konfiska tal-vettura propjeta ta' Simon Azzopardi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 66(a)(xii)(1)(5) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 3 u 4 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1997, ir-Regolamenti 7 u 26(a) ta'l-Avviz Legali 337 tas-sena 2001 u r-Regolamenti 4 u 10(3) ta' l-Avviz Legali 344 tas-sena 2005, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn tlett mija u tlettin Euro (€2,330); il-Qorti mhiex qed tilqa t-talba ghall-konfiska tal-vettura b'numru ta' registrazzjoni SZZ 001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------